MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 73/2018 LM

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Kim Talbot u l-istess Kim Talbot**
*(l-appellati)*

***vs.***

**Andrew Buhagiar u b'digriet tat-Tribunal tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), it-Tribunal ordna li tiġi kjamata fil-kawża Maria Carmela Buhagiar u b'digriet tat-30 ta' April, 2018 il-Qorti laqgħet it-talba tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens sabiex jintervjeni *in statu et terminis ai termini* tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**
*(l-appellanti)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-kjamata fil-kawża **Maria Carmela Buhagiar** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] minn lodo arbitrali numru M4812/2016 mogħti fit-22 ta' Mejju, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, li permezz tiegħu ddeċieda billi ddikjara lill-konvenut **Andrew Buhagiar** responsabbli għall-inċident tat-traffiku mertu tal-arbitraġġ, filwaqt li ordna lill-istess konvenut Andrew Buhagiar u lill-appellanta sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu l-ammont ta' €4,730.28, *oltre* l-ispejjeż u l-imgħax mill-31 ta' Ottubru, 2016, fir-rigward tal-konvenut Andrew Buhagiar, u mill-11 ta' Marzu, 2017, fir-rigward tal-appellanta.

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw inċident tat-traffiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fis-salib it-toroq bejn Triq Castaldi u Triq Santa Tereża f'Ħaż-Żabbar, fit-23 ta' Frar, 2015, għall-ħabta tas-6.45 ta' filgħodu bejn il-vettura tal-għamla *Mitsubishi* numru ta' reġistrazzjoni GBR 265 misjuqa mill-appellata **Kim Talbot**, u l-vann tal-għamla *Ford Transit* numru ta' reġistrazzjoni LVY 225 [minn issa 'l quddiem "il-vann"] misjuq mill-konvenut Andrew Buhagiar u proprjetà tal-appellanta.

## Mertu

3. L-appellati intavolaw proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż u Talba fil-25 ta' Awwissu, 2016, għall-ħlas tas-somma pretiża ta' €4,730.28 (erbat elef seba' mija u tletin Euro u tmienja u għoxrin centeżmu), u dan flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ġunju, 2015, u l-imgħaxijiet legali minn dik id-data sal-ġurnata tal-pagament effettiv.

4. L-appellanta laqgħet għat-talba billi fl-ewwel lok eċċepiet (i) il-vann involut fl-inċident kien proprjetà esklussiva tagħha, iżda dan ma kienx qed jinstaq minnha fil-ħin tal-inċident, iżda minn Andrew Buhagiar li kien jeżerċita l-kummerċ uniku tiegħu bl-isem "Wizi Cabs"; (ii) ma kinitx konsapevoli tal-fatt li Andrew Buhagiar kien qabad u saq il-vann mill-garaxx fejn kien ipparkjat; (iii) ir-raġuni għaliex il-vann ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kienet li dan kien ġie rilaxxjat mill-mekkanik ftit jiem biss qabel l-inċident u għaldaqstant ma setgħetx tieħu l-vann għat-test tal-VRT.

## Il-Lodo Arbitrali

5. L-Arbitru wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"It-Tribunal ikkunsidra:*

1. ***Preliminarjament:***
   *Illi l-*quantum *relattiv għad-danni sofferti mir-rikorrenti, ma ġiex oppost b'mod illi jnissel dubju fil-valur tiegħu.*

*Illi, għall-fini ta' kjarezza, minkejja li l-lok tal-inċident kien oriġinarjament indikat, fl-avviż u fit-talba tar-rikorrent, bħala Triq Castaldi ġewwa Ħaż-Żabbar, it-Tribunal stabbilixxa li l-inċident in kwestjoni fil-verità seħħ fi Triq Santa Tereża, Ħaż-Żabbar, preċiżament f'salib it-toroq ma' Triq Castaldi.*

2. ***Għal dak li għandu x'jaqsam ma' kif l-inċident ġie kkaġunat:***

*Illi fuq bilanċ ta' probabilitajiet, u partikolarment abbażi tal-konkordanza tal-evidenza mressqa minn PS 624 Keith Mallan, ir-ritratti annessi mad-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż u t-Talba tar-rikorrenti, u r-ritratti ppreżentati mir-rikorrenti Kim Talbot fir-raba' seduta li nżammet nhar l-għaxra (10) ta' Mejju, elfejn u sbatax (2017), f'nofsinhar (12.00p.m.) (immarkati Dok. KT1 u Dok. KT2), dan it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-aktar verżjoni verosimili ta' dak li effettivament seħħ fil-jum tal-inċident* de quo, *hija li l-vettura LVY 225 ħarġet minn fuq* STOP sign *sa nofs salib it-toroq bejn Triq Castaldi u Triq Santa Tereża fejn effettivament seħħ l-inċident.*

*Illi meta sewwieq ta' vettura jiltaqa' ma'* STOP SIGN *f'għaqda ta' żewġ toroq, huwa obbligat li jieqaf kompletament ai termini ta' Artikolu numru 205 tal-Kodiċi Għat-Traffiku Fit-Triq.*

*Illi, ai termini ta' Artikolu numru 206 tal-Kodiċi sopraċitat, is-sewwieq f'tali ċirkostanza għandu jistenna sakemm ikun hemm spazju xieraq bejnu u xi vetturi li jkunu ġejjin, qabel ma jdur. Oltre minn hekk, ai termini ta' Artikolu numru 207 tal-istess Kodiċi, s-sewwieq f'tali ċirkostanza għandu – kif ikun qiegħed idur – iħares lejn il-lemin, imbagħad lejn ix-xellug, imbagħad lejn il-lemin mill-ġdid. Is-sewwieq m'għandux isuq qabel ikun żgur li ma hemmx periklu biex jagħmel dan.*

*Illi ma tressqet ebda prova li l-vettura GBR 265 kienet qed tinstaq b'veloċità eċċessiva, bi trakuraġni jew b'mod perikoluż;*

*Illi r-ritratt immarkat Dok KT2 ippreżentat mir-rikorrenti Kim Talbot fir-raba' seduta li nżammet nhar l-għaxra (10) ta' Mejju, elfejn u sbatax (2017), f'nofsinhar (12.00p.m.) u l-iskizz ta' PS 624 Keith Mallan, formanti parti mid-dokumentazzjoni mmarkata Dok GMI 1 annessa mal-Avviż u mat-Talba tar-rikorrenti, kif ukoll l-ewwel tliet ritratti immedjatament segwenti l-iskizz, jindikaw illi l-vettura GBR 265 kienet diġà bdiet taqbeż il-vann LVY 225 meta dan ħabat magħha.*

*Illi l-fatt li l-inċident seħħ proprju f'nofs (fn. 1 Fl-għaxar seduta miżmuma nhar l-isbatax (17) ta' Novembru, elfejn u sbatax (2017), kien Andrew Buhagiar stess li*

*ammetta li mal-waqfa kellu nofs il-vettura fin-nofs tat-triq.) salib it-toroq jindika illi s-sewwieq tal-vettura LVY 225 ma ħariġx minn fuq l-i*STOP sign *bil-kawtela neċessarja, iżda ħareġ 'il barra wisq meta dan kellu vettura ġejja fid-direzzjoni tiegħu.*

***3. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-preskrizzjoni:***

*Illi l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili jistipola li '*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn'. *Applikat għall-każ* de quo, *li seħħ nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), dan ifisser li l-preskrizzjoni kellha tagħlaq nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017).*

*Illi l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili jistipola li 'Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom'.*

*Illi l-Artikolu 2130(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipola li* 'Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni.' *Applikat għall-każ* de quo*, dan ifisser li x-xahar 'żejjed' li tippermetti l-liġi, għalaq nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017).*

*Illi,* ex admissis, *Maria Carmela Buhagiar ġiet notifikata bl-Avviż tal-Arbitraġġ nhar is-Sibt, ħdax (11) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017), li jfisser li ġiet validament notifikata fiż-żmien li tippermetti l-liġi u għaldaqstant il-preskrizzjoni ma kinitx laħqet għalqet.*

***4. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbilità ta' Maria Carmela Buhagiar:***

*Illi l-Artikolu numru 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li '*ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza'.

*Illi minkejja li Maria Carmela Buhagiar ma tatx kunsens espliċitu lil żewġha biex juża l-vann LVY 225 dakinhar tal-inċident, jidher ċar li kien hemm kunsens ġenerali f'dan is-sens, tant li l-vann tħalla f'post aċċessibbli minn Andrew Buhagiar flimkien maċ-ċavetta tal-magna tiegħu. Difatti, l-asserzjoni ta' Andrew Buhagiar (fn. 2* Vide *l-għaxar seduta miżmuma nhar l-isbatax (17) ta' Novembru, elfejn u sbatax (2017)) li*

*kien ilu isuq il-vann in kwistjoni, u li kellu l-kunsens ġenerali tal-mara ma ġietx ikkontestata minn martu. Dan kollu jrid jitqies ukoll fid-dawl tal-fatt li l-vann kien mixtri bl-intenzjoni li jintuża proprju minn Andrew Buhagiar sabiex dan jaqla' l-għajxien tiegħu permezz tal-istess vettura (fn. 3* Vide *il-ħames seduta miżmua nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju, elfejn u sbatax (2017).)*

*Illi hemm ġurisprudenza soda li tiffavorixxi r-responsabbilità solidali fil-ħlas tad-danni kemm tas-sid tal-vettura kif ukoll tas-sewwieq tagħha f'ċirkostanzi li jiksru s-suċċitat Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, nkluż is-sentenzi* Ahmed Kamal El Din vs Aaron Sultana u John Cuschieri, Vincent Cuschieri Ltd (Qorti tal-Appell, Appell Ċivili Numru 2333/2004/1, mogħtija mill-Onor, Imħallef Philip Sciberras nhar l-24 ta' Jannar, 2007), Borg Isabelle Et vs Galea Robert Et (Qorti tall-Appell), Appell Ċivili Numru 765/2001/1, mogħtija mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Silvio Camilleri, l-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti u l-Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia nhar it-3 ta' Marzu, 2011), u GasanMamo Insurance Limited (C3143) vs Pierre Carabott u Gilmore Cachia (Qorti tal-Appell, Appell Numru 207/2014, mogħtija mill-Imħallef Anthony Ellul nhar it-12 ta' Diċembru, 2016)."

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-6 ta' Ġunju, 2018, fejn:

*"... filwaqt li tirreferi għal provi ġja prodotti u tirriżerva li ġġib il-quddiem kull prova oħra konsentita bil-liġi, titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni appellata billi:*

*(i) filwaqt li **tikkonfermaha** fejn iddikjarat li l-intimat Andrew Buhagiar kien responsabbli għall-ikkaġunar materjali tal-inċident tat-traffiku mertu tal-arbitraġġ;*

*(ii) **tirrevokaha** fejn ordnat lill-esponenti tħallas lis-soċjetà attriċi* noe, *in solidum ma Andrew Buhagiar, l-ammont ta' €4,730.28* oltre *spejjeż ġudizzjari u imgħax mid-data tan-notifika lilha <u>u dana billi</u>* <u>invece</u> *<u>takkolji l-eċċezzjonijiet tagħha u tilliberaha kompletament mill-ġudizzju.</u>*
*Bl-ispejjeż kollha subiti mill-esponenti kontra s-soċjetà attriċi."*

Dan filwaqt li ressqet is-segwenti żewġ aggravji: (i) l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kellha tintlaqa' mit-Tribunal; (ii) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, hija ma kinitx responsabbli għall-ħlas tad-danni.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellati min-naħa tagħhom jilqgħu billi jsostnu li l-appell interpost mill-appellanta kien infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandu jiġi miċħud minn din il-Qorti u l-lodo arbitrali kkonfermat fl-intier tiegħu.

**Rikors tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens sabiex jintervjeni**

8. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar, 2019, il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens [minn issa 'l quddiem "il-Fond"] talab sabiex jiġi awtorizzat jintervjeni fil-proċeduri odjerni *in statu et terminis* u b'hekk jiġi wkoll awtorizzat jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub. Permezz tad-digriet tagħha tat-30 ta' April, 2019, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Fond u fis-16 ta' Settembru, 2019, dan ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra flimkien iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellanta peress li d-deċiżjoni tal-kwistjoni ta' preskrizzjoni, in partikolari meta beda jiddekorri ż-żmien stipulat mil-liġi, tiddependi fuq il-fatt

jekk l-appellanta wara kollox kisritx l-obbligu tagħha skont is-subartikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk hija għandha tinżamm solidalment responsabbli għad-dejn dovut flimkien mal-konvenut Andrew Buhagiar.

10. L-ewwel aggravju tal-appellanta jittratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn li hija kienet issolevat bħala eċċezzjoni quddiem it-Tribunal *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tispjega li hija kienet ġiet notifikata bl-Avviż tal-Arbitraġġ fil-11 ta' Marzu, 2017, meta l-inċident kien seħħ sentejn u sittax-il jum qabel fit-23 ta' Frar, 2015. L-appellanta tissottometti li ma kien hemm l-ebda prova li l-perijodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn kien ġie interrott, iżda b'danakollu t-Tribunal deherlu li kellu japplika d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2128 u 2130 tal-Kap. 16 sabiex b'hekk sab li l-appellanta kienet ġiet notifikata fit-terminu stabbilit mil-liġi. L-appellanta ssostni li skont il-ġurisprudenza konkordi, fejn l-att ġudizzjarju jieħu l-forma ta' ċitazzjoni, jew Avviż kif kien fil-każ odjern, ma kienx applikabbli l-artikolu 2130 tal-Kap. 16, u hawnhekk tagħmel diversi riferimenti għall-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tagħha. L-appellanta tissottometti li hawnhekk huwa proprju l-artikolu 2137 tal-istess liġi li huwa applikabbli. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li tagħmel aktar tard bħala replika għas-sottomissjonijiet magħmula mill-Fond, l-appellanta tgħid li l-artikolu 1100 tal-Kap. 16 ma jistax jiġi applikat fil-każ odjern għaliex hija ma kinitx ġiet ċitata fl-att ġudizzjarju li kiser it-terminu ta' preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenut Andrew Buhagiar. It-tieni aggravju tal-appellanta jirrigwarda r-responsabbilità tagħha għall-ħlas ta' danni. Tirrileva li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tat-Tribunal u ssostni li dan naqas mill jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi u anki tal-liġi applikabbli. L-

appellanta telenka dawk il-punti li tqis li huma saljenti fix-xhieda tagħha u anki fix-xhieda tal-konvenut Andrew Buhagiar, u għamlet ċar li dan tal-aħħar kien saq il-vann mingħajr ma għarrafha. Tgħid li minn dan kollu jirriżulta li kienu neqsin l-elementi essenzjali jew kostituttivi tas-subartikolu 3(1) tal-Kap. 104. Tissottometti li jirriżulta wkoll li hija ma kellha l-ebda responsabbilità għall-inċident għaliex kien nieqes in-ness (*vel quasi* jew *ex delicto)* bejn xi aġir kolpuż tagħha u d-dannu li sofriet sid il-vettura l-oħra. Tgħid li lanqas ma kienet tirriżulta ħtija akwiljana fil-konfront tagħha għaliex hija ma kinitx ħatja ta' xi negliġenza jew traskuraġni fl-għemil tagħha u tkompli ssostni li l-konvenut Andrew Buhagiar kien saq il-vann kompletament ad insaputa tagħha. L-appellanta tissottometti li l-ġurisprudenza ċitata mit-Tribunal għall-kuntrarju ssaħħaħ u mhux iddgħajjef l-argument tagħha u tagħlaq billi tgħid li ġaladarba hija ma kinitx instabet responsabbli għall-inċident, ma setgħetx tiġi ordnata tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni riżultanti, anki jekk b'mod solidali.

11. L-appellati jwieġbu billi jgħidu li ma jaqblu xejn ma' dak li qed issostni fuqu l-appellanta. Dan għaliex ir-rikors għat-talba tas-sejħa fil-kawża kien ġie intavolat mill-istess appellati fit-terminu ta' sentejn u n-notifika saret fiż-żmien stipulat fis-subartikolu 2130(1) tal-Kap. 16. L-appellati jissottomettu li huma ma setgħux jaraw ir-rilevanza tal-artikoli 2137 u 2139 tal-Kap. 16 għall-każ odjern u li għalihom tirreferi l-appellanta. Jispjegaw li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar liema kienu l-ewwel u l-aħħar ġranet taż-żmien meħtieġ sabiex tiddekorri l-preskrizzjoni. L-appellati jiddikjaraw li huma jaqblu ma' dak li ddeċieda t-Tribunal u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanta kellu jiġi miċħud. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellati filwaqt li jagħmlu riferiment

għall-osservazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali, jissottomettu li mhux neċessarju li vettura tkun għaddiet mit-*test* tal-VRT jew li din tkun fil-pussess tas-sid sabiex tiġġedded l-assigurazzjoni tagħha. Jgħidu li kuntrarjament għal dak li kienet qiegħda ssostni l-appellanta u kif sewwa jirrileva t-Tribunal, il-konvenut Andrew Buhagiar kellu l-kunsens ġenerali tagħha sabiex jagħmel użu mill-vann. Hija saħansitra kienet ħallietu flimkien maċ-ċwievet tiegħu f'post li kien aċċessibbli għalih. Peress li kif irriżulta mill-provi l-vann kien jintuża għat-trasport tat-tfal tal-iskola, aktar u aktar l-appellanta kellha l-oneru li taċċerta ruħha li dan ikun kopert permezz ta' polza tal-assigurazzjoni. L-appellati jirrilevaw li l-appellanta kienet saħansitra ħalliet ukoll lill-mekkanik isuqu mingħajr polza ta' assigurazzjoni valida. Filwaqt li jagħmlu riferiment għal diversi sentenzi tal-Qorti Ċivili Prim'Awla in sostenn tal-argumenti tagħhom, huma jissottomettu li dak li qed issostni fuqu l-appellanta fir-rigward tan-nuqqas ta' kunsens tagħha u li hija ma setgħetx iġġedded il-polza ta' assigurazzjoni għaliex kien hemm bżonn li qabel isir it-*test* tal-VRT, mhumiex skużanti f'għajnejn il-liġi.

12. Il-Fond jilqa' għall-ewwel aggravju tal-appellanta dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni billi jissottometti li hawnhekk huwa applikabbli wkoll l-artikolu 1100 tal-Kap. 16, stante r-responsabbilità tal-appellanta u ta' Andrew Buhagiar hija waħda solidali. Ġaladarba l-preskrizzjoni fil-konfront ta' dan tal-aħħar kienet ġiet interrotta permezz tal-att promotur tal-25 ta' Awwissu, 2016, entro t-terminu ta' sentejn, l-istess ġara fil-konfront tal-appellanta. Il-Fond jiċċita minn diversi sentenzi tal-Qorti Ċivili Prim'Awla in sostenn tal-argument tiegħu dwar ir-responsabbilità solidali bejn l-appellanta u Andrew Buhagiar, u anki fir-

rigward tal-ksur tal-preskrizzjoni li kienet tapplika fil-konfront tagħhom. Jissottometti li l-appellanta kienet kisret l-obbligu tagħha taħt is-subartikolu 3(1) tal-Kap. 104 għaliex hija kellha tassigura li l-konvenut Andrew Buhagiar ma jsuqx il-vann u għalhekk ukoll kienu applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1050 tal-Kap. 16 li jittratta r-responsabbilità *ex delicto* f'materja ta' danni akwiljani. Il-Fond ippreżenta replika sabiex iwieġeb għal dak li ssottomettiet l-appellanta ulterjorment fir-rigward tal-kwistjoni tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni o meno fil-konfront tagħha. Jgħid li kien irrilevanti li l-konvenut Andrew Buhagiar kien baqa' kontumaċi għaliex il-preskrizzjoni fil-konfront tiegħu nkissret bl-att promotur tal-25 ta' Awwissu, 2016, u għalhekk anki fil-konfront tal-appellanta a tenur tal-artikolu 1100 tal-Kap. 16. Jgħid li hawnhekk ukoll kien irrilevanti l-fatt li l-appellanta kienet ġiet imsejħa fil-kawża aktar tard. In sostenn tal-argument tiegħu jiċċita parti mis-sentenza fl-ismijiet **Inna Said *vs.* Massimo Bonello et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu, 2020. Dwar l-aggravju fil-mertu, il-Fond jissottometti li skont il-ġurisprudenza kostanti, din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul fid-deċiżjoni li minnha jkun sar appell, sakemm ma jirriżultax li l-apprezzament sar b'mod li wassal b'mod ċar għall-amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja. Hawnhekk il-Fond jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell in sostenn tal-argument tiegħu, filwaqt li jsostni li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda apprezzament ħażin tal-provi da parti tat-Tribunal tal-Arbitraġġ u għamel tiegħu r-risposta tal-appellati fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellanta.

13. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mill-Fond, iżda tissenjala li l-artikolu 1100 tal-Kap. 16 jieħu inkonsiderazzjoni ċirkostanzi fejn hemm obbligazzjoni *in solidum*. Dan iwassal lill-Qorti sabiex qabelxejn tikkunsidra t-tieni aggravju tal-appellanta, fejn tikkontendi li hija ma tistax tinżamm responsabbli *in solidum* għall-ħlas tad-dejn pretiż, għaliex hija qatt ma tat il-kunsens tagħha lill-konvenut Andrew Buhagiar sabiex jagħmel użu mill-vann jew b'xi mod negliġenti ppermettietlu li jsuqu.

14. Il-Qorti hawn tagħraf li sabiex tqis il-kwistjoni tal-ksur tal-preskrizzjoni anki fir-rigward tal-appellanta, huwa meħtieġ li jsir mill-ġdid apprezzament tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal u b'hekk jiġi stabbilit jekk l-appellanta wara kollox għandhiex titqies bħala kodebitur tal-konvenut Andrew Buhagiar. Il-Qorti tirrileva li huwa prinċipju ben assodat tal-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati, li f'materja ta' apprezzament ta' provi, qorti tal-appell bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax b'mod leġġer l-apprezzament magħmul fid-deċiżjoni appellata, sakemm ma jirriżultax b'mod ċar li jkun sar żball li jekk ma jissewwiex ser jagħti lok għal inġustizzja ma' parti.

15. Għalhekk, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tevalwa jekk l-osservazzjonijiet magħmula mit-Tribunal setgħu faċilment wasluh għad-deċiżjoni tiegħu. Għandu jingħad mill-ewwel li ma jkun hemm l-ebda lok ta' ndħil minn din il-Qorti jekk jirriżulta li t-Tribunal wasal b'mod raġjonevoli għad-deċiżjoni appellata.

16. Jibda biex jingħad li t-Tribunal ikkonsidra li għalkemm l-appellanta ma kinitx tat il-kunsens espliċitu tagħha sabiex il-konvenut Andrew Buhagiar

jagħmel użu mill-vann, bla dubju hija kienet tat il-kunsens ġenerali tagħha, tant hu hekk li l-vann flimkien maċ-ċavetta tiegħu, tħallew f'lok li kien aċċessibbli għalih. Osserva li l-konvenut Andrew Buhagiar kien stqarr waqt ix-xhieda tiegħu li huwa kien ilu jsuq il-vann bil-kunsens ġenerali tal-mara tiegħu, filwaqt li t-Tribunal kkonsidra wkoll li l-appellanta bl-ebda mod ma kkontestat dan kollu. L-Arbitru qies ukoll il-fatt li l-vann kien inxtara mill-appellanta sabiex bih jaqla' l-għajxien tiegħu l-konvenut Andew Buhagiar.

17. Din il-Qorti tirrileva li dawn l-osservazzjonijiet magħmula mit-Tribunal huma kollha rilevanti, iżda tgħid li għandhom jitqiegħdu fil-kuntest kollu tal-każ, u b'hekk issir evalwazzżjoni sħiħa tal-fatti kollha u tiġi evitata kull inġustizzja mal-partijiet.

18. Tibda billi tiċċita s-subartikolu 3(1) tal-Kap. 104 li jipprovdi hekk:

> *"3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."*

19. Fis-sentenza fl-ismijiet **Isabelle Borg et *vs.* Robert Galea**[1] ngħad hekk:

> *"...kif qalet din il-Qorti, fil-kawża "Scerri vs Ciantar", deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2003, "huwa paċifiku illi, in linea ta' massima ġenerali, sid ta' vettura li tkun involuta f'inċident meta misjuqa minn terzi ma jweġibx għad-danni talvolta kaġjonati mis-sewwieq. -Bħal kull prinċipju ġenerali ieħor ir-regola ssofri eċċezzjoni bħal per eżempju fejn jirriżulta li l-vettura misjuqa mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorġi r-responsabilità solidali anke ta' sid il-vettura ("Avv. Franz Refalo nomine –*

[1] P.A., 19.10.2007, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-03.03.11 fir-rigward tal-prinċipju ta' responsabbilità solidali.

*vs – Paul Caruana", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru, 1995; "E. Micallef -vs- Simone Azzopardi", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 7 ta' Ottubru, 1994)".*

*Hekk ukoll fil-kawża "Micallef et vs Busuttil et", deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2002, il-Qorti żammet is-sid tal-vettura solidarjament responsabbli għad-danni subiti mill-atturi billi l-istess sid ippermetta persuna ssuq il-vettura meta din il-persuna kienet taħt l-età u mingħajr liċenzja, u dana billi kif qalet il-Qorti stess "(is-sid) ippreġudika l-pożizzjoni tat-terz vis a vis kwalunkwe talba għad-danni riżultanti mill-istess inċident."*

*Fl-istess sens hija d-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 1955, fil-kawża fl-ismijiet "Schembri vs Davies et".*

*Il-Qorti tista' tagħmel referenza ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fis-7 ta' Marzu, 2006, fil-kawża fl-ismijiet "Fenech vs Cutajar et", fejn ukoll sid il-vettura instab responsabbli in solidum mas-sewwieq, meta ħalla f'idejn terzi, u ma aċċertax ruħu li l-istess terz "kien debitament liċenzjat u kapaċi biex isuq il-vettura".*

20. Il-Qorti tibda billi tosserva li fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2017, l-appellanta ddikjarat li bejnha u bejn il-konvenut Andrew Buhagiar kien hemm eżistenti kuntratt għas-separazzjoni tal-beni u li r-relazzjoni tagħhom ma kinitx waħda tajba, tant hu hekk li diversi drabi bdew u anki waqqfu l-proċeduri neċessarji għas-separazzjoni personali. Imbagħad in kontroeżami qalet li dakinhar tal-inċident huma ma kinux flimkien u r-relazzjoni tagħhom kienet aktar waħda ta' negozju milli relazzjoni personali. Ir-raġel tagħha stess waqt ix-xhieda tiegħu fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017, stqarr li llum huma jinsabu separati.

21. Waqt l-istess seduta tad-29 ta' Mejju, 2017, l-appellanta ddikjarat li filwaqt li hi kienet taħdem bħala *administrator* ma' kumpannija involuta fl-IT, hija qatt ma kienet involuta f'xogħol tal-*minibuses.* Għalhekk hija kienet xtrat il-vann bi qbil mar-raġel tagħha sabiex hu jkun jista' jaqla' l-għajxien tiegħu

stante d-diversi problemi finanzjarji li kellu. Dan kollu juri li l-konvenut Andrew Buhagiar, kif sewwa josserva t-Tribunal, kellu l-kunsens ġenerali tal-appellanta sabiex jagħmel użu mill-vann u l-Qorti żżid tgħid, bl-esklużjoni ta' martu li qatt ma kienet involuta f'xogħol tal-*minibuses.*

22. In kontroeżami l-appellanta tinnega li wara li kien wasal lura l-vann jumejn qabel l-inċident, hija kellha biżżejjed żmien biex tressqu għat-*test* tal-VRT u spjegat li dan kienet qiegħda tgħidu għaliex ma kienx xogħolha. Iżda ma tistax din il-Qorti ma tosservax li l-appellanta u żewġha ma offrewx wisq dettalji dwar x'kienet ir-relazzjoni ta' negozju ta' bejniethom, partikolarment min kellu r-responsabbilità li jressaq il-vann għat-*test* tal-VRT u li jħallas il-liċenzja u lis-soċjetà assiguratriċi għall-ħruġ tal-polza ta' assikurazzjoni.

23. Dan kollu kellu jkun rilevanti fid-deċiżjoni dwar ir-responsabbilità tal-appellanta għad-dejn pretiż, anki fil-kuntest tal-fatt li fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2017, l-appellanta qalet li hija ma kinitx avżat lill-konvenut Andrew Buhagiar li l-vann ma kienx kopert b'liċenzja u b'polza ta' assikurazzjoni hekk kif jumejn qabel l-inċident wasal lura mingħand il-mekkanik. Dan il-fatt ikkonfermah żewġha fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017.

24. Iżda huwa proprju hawnhekk fejn il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal. Tqis li l-konvenut Andrew Buhagiar ma jistax jgħid li ma kien hemm l-ebda mod li bih seta' jkun jaf li l-vann ma kienx kopert b'liċenzja tat-triq, għaliex l-aħjar evidenza ta' dan kienet proprju l-liċenzja ta'

ċirkolazzjoni skaduta li kien qed iġorr fuqu l-vann mal-*windscreen* tiegħu.[2] Kien proprju d-dover tiegħu li ma jieħu l-ebda riskju li jsuq vann li bla dubju u b'mod tant evidenti ma kienx awtorizzat li jinstaq fit-triq. Iżda l-konvenut Andrew Buhagiar mhux talli qabad u ħarġu mill-garaxx fejn kienet ħallietu l-appellanta, iżda lanqas ħass id-dover li jikkonferma mal-appellanta li kien hemm liċenzja valida u li l-vann kien kopert permezz ta' polza ta' assikurazzjoni. B'hekk jirriżulta li l-konvenut Andrew Buhagiar f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn huwa kien jaf jew fejn huwa kellu jkun jaf, għamel użu mill-vann *ad insaputa* u mingħajr il-permess tal-appellanta, fatt li huwa stess wara kollox ammetta.[3]

25. Ċertament fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jingħad li kienet l-appellanta li ħalliet lill-konvenut Andrew Buhagiar jagħmel użu mill-vann meta ma kien hemm l-ebda polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni fis-seħħ, kif jirrikjedu d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104. Ma jistax jingħad, kif qal it-Tribunal, li l-fatt li l-vann kien tħalla f'post aċċessibbli għall-konvenut Andrew Buhagiar flimkien maċ-ċavetta tiegħu, kien ifisser li huwa kellu l-kunsens partikolari tal-appellanta dakinhar tal-inċident sabiex isuqu. Din il-Qorti tikkunsidra li huwa aktar raġonevoli li wieħed iqis li ma kien hemm l-ebda kunsens da parti tal-appellanta fiċ-ċirkostanzi tal-każ u kien jinkombi fuq l-appellati li jressqu prova konvinċenti biżżejjed sabiex jippruvaw dak li allegaw fir-rikors sabiex tissejjaħ l-appellanta fil-proċeduri quddiem l-Arbitru li *"... illi l-istess Maria Carmela Buhagiar ippermettiet illi l-vettura tagħha tinstaq mill-intimat Anthony*

[2] Dan jidher mir-ritratt tal-vann maħbut.

[3] Ara sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited [C 3143]** ***vs.*** **Pierre Carabott u Gilmore Cachia** App. Nru. 207/2014, 12.12.06, fejn ġie deċiż li l-inċident kien jaħti għalih il-konvenut Gilmore Cachia waħdu stante aġir irresponsabbli tiegħu meta saq vettura proprjetà tal-konvenut l-ieħor Pierre Carabott mingħajr ma talbu l-permess u filwaqt li kien xurban u mhux kopert minn polza ta' assikurazzjoni.

*Buhagiar, meta ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni"*. Fid-dawl tal-fatt li ma jirriżultax b'mod konvinċenti li l-appellanta ħalliet lill-konvenut Andrew Buhagiar jew konxjentement jew b'negliġenza li jsuq il-vann mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta m'għandhiex tinżamm responsabbli *in solidum* għad-dejn pretiż meta tirriżulta daqstant ċara n-negliġenza tal-konvenut Andrew Buhagiar meta naqas li jikkonferma mal-imsemmija appellanta li kien hemm liċenzja u polza ta' assikurazzjoni valida.

26. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li t-tieni aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat u għandu jintlaqa'. Ġaladarba l-Qorti ma sabitx li l-appellanta kienet naqset mill-obbligi tagħha billi kisret id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 3(1) tal-Kap. 104, ma ssibx li hija għandha tinżamm responsabbli solidalment mal-konvenut Andrew Buhagiar għad-dejn pretiż mill-appellati u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju tagħha.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi:**

**(a) tilqa' t-tieni aggravju filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju;**

**(b) tikkonferma d-deċiżjoni appellata fejn din iddikjarat li l-konvenut Andrew Buhagiar huwa responsabbli għall-ikkaġunar materjali tal-inċident u ordnatlu jħallas l-ammont pretiż ta' €4,730.28, oltre l-**

**ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax dekorribbli mid-data tal-31 ta' Ottubru, 2016;**

**(c) tirrevoka d-deċiżjoni appellata fejn din ordnat lill-appellanta tħallas *in solidum* mal-konvenut Andrew Buhagiar l-ammont ta' €4,730.28 oltre l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax dekorribbli mill-11 ta' Marzu, 2017; u**

**(d) tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-appellanta filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra tagħha u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu fir-rigward ta' nofs mill-appellati flimkien u fir-rigward tan-nofs l-ieħor mill-Fond.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**